MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 883/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**GARY ANTHONY WINGFIELD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gary Anthony Wingfield, bin Alfred Martin u l-mejta June nee’ Petterson, imwieled l-Ingilterra nhar is-17 ta’ Awissu, 1980, detentur tal-karta tal-identita’ maltija 391602L, u residenti fil-fond 157, Anne Marie, Triq it-Tempesta, San Pawl il-Bahar;

Akkuzat talli:

1. Nhar l-4 ta’ Gunju, 2006 ghall-habta tas-sitta u nofs ta’ fil-ghaxija, fil Qawra ikkommetta serq ta’ flus

kontanti minn fuq il-persuna ta’ Elaine Cecilia Murphy, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Awissu, 2006 ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara fil-ghodu, fil-Qawra, attakka u/jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ kontra PS 1021 Joseph Urpani, u PC 545 Gabriel Micallef, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, u/jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsarat fuq vettura tal-pulizija tat-tip Ford Focus bin-numru tar-registrazzjoni GVP 525, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500.00), imma hija iktar minn hamsin lira maltin (Lm50.00), ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

4. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Awwissu, 2006 ghall-habta tat-tlieta u ta’ fil-ghodu fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra ingurja u hedded lill-Ispettur Raymond Cassar u lis-Surgent tal-Pulizija 914 Ivan Mifsud, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

5. U aktar talli fl-istess lejl, bejn is-saghtejn u t-tlieta ta’ fil-ghodu, fi Triq il-Kahli, Qawra, u fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra, volontarjament kisser il-bon ordni jew/u l-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

6. U aktar talli fit-18 ta’ Awwissu, 2006 ghall-habta tal-hdax ta’ fil-ghodu fil-Qawra, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ delitt ta’serq ta’ vettura tat-tip Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni JAD 524, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sar kien ikun

ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, u/jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip Honda Civic, bin-numru tar-regitrazzjoni JAD 524, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), imma hija iktar minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), ghad-dannu ta' Jason Windor;

8. U talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D., nhar il-31 ta' Jannar, 2005;

9. U fl-ahharnett talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li huma definittiv u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 95, 325, 338(dd) u (ee), 339(1)(e), 41, 263, 271, 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Gary Anthony Wingfield hati, u ghaldaqstant tordna li jitqiehged taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------